

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1389

tas-26 ta' Lulju 2017

li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra tal-laboratorju ta' referenza tal-UE għal viruses ta' oriġini alimentari

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-welfare tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi l-kompiti, id-dmirijiet u r-rekwiżiti ġenerali għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea (l-UE) għall-ikel u l-ġhalf u għas-saħħa tal-annimali. Il-laboratorji ta' referenza tal-UE għall-ikel u l-ġhalf huma elenkati fil-Parti I tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament. Din il-lista ma tinkludix laboratorju ta' referenza tal-UE għall-viruses ta' oriġini alimentari. Madankollu, l-Artikolu 32(5) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li laboratorji ta' referenza tal-UE addizzjonali jistgħu jiġu inklużi fl-Anness VII mill-Kummissjoni.
- (2) Il-laboratorji ta' referenza tal-UE għandhom ikopru l-oqsma tal-liġi dwar l-ġhalf u l-ikel u tas-saħħa tal-annimali fejn huma meħtieġa riżultati analitiċi u dijanjostiċi preċiżi. Għalkemm jeżistu metodi stabbiliti sew biex jidentifikaw il-viruses ta' oriġini alimentari, l-effettività tal-kontrolli hija mxekkla min-nuqqas ta' uniformità fl-użu tat-testijiet. Il-fatt li mhux qed jitwettqu testijiet ta' profiċjenza biex jiġu evalwati l-metodi użati mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali u l-kapaċità tagħhom li jużaw it-testijiet, qed jagħmilha diffiċli għal ċerti laboratorji nazzjonali ta' referenza u laboratorji uffiċjali biex jiksbu l-akkreditazzjoni meħtieġa biex jaħdmu skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' laboratorju ta' referenza tal-UE għall-viruses ta' oriġini alimentari jaffettwa l-abbiltà tal-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu kontrolli uffiċjali f'dan il-qasam.
- (3) Fis-16 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni nediet sejħa għall-applikazzjonijiet biex tagħżel u taħtar laboratorju ta' referenza tal-UE fil-qasam tal-viruses ta' oriġini alimentari. Il-laboratorju magħżul, Livsmedelsverket, jenħtieġ li jinħatar bħala l-laboratorju ta' referenza tal-UE fil-qasam tal-viruses ta' oriġini alimentari.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Parti I tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

⁽¹⁾ ĠUL 165, 30.4.2004, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Parti I tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, jiżdied il-punt 22 li ġej:

“22. Laboratorju ta’ referenza tal-UE għall-viruses ta’ oriġini alimentari

Livsmedelsverket

Uppsala

L-Iżvezja”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta’ Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
